MINUTI

# Laqgħa tal-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ (Għawdex)

ID-DISA' LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 02/2024-9**

**L-Erbgħa, 10 ta' Lulju 2024**

Il-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq il-Knisja, fil-5.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Is-Sur Baskal Saliba - Sindku
Is-Sur Daniel Cordina- Viċi Sindku
Dr Marlene Cini - Kunsilliera
Is-Sur Mario Portelli - Kunsillier
Is-Sur Nicky Saliba - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):**

N/A

**ASSENTI:**

N/A

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sna Odette Camilleri - Segretarju Eżekuttiv

Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ, Triq il-Knisja, Iż-Żebbuġ, Għawdex
t: 21563056 / 27563056 | e: zebbug.gozo.lc@gov.mt | w: zebbuggozo.com

Minuti

Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku Baskal Saliba.

**02.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

02.1.1 Ma kinx hemm ittri ta' apoloġiji.

**02.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

02.2.1 Billi l-minuti tal-laqgħa nru. 90/2024-8 u 01/2024-9 ġew ċirkulati minn qabel dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

02.2.2 Is-Sindku talab għal xi korrezzjonijiet li seta' kien hemm mill-minuti.

02.2.3 Ma kinx hemm korrezzjonijiet għalhekk Minuti nru. 90/2024-8 gew iffirmati mis-Sindku preċedenti Dr Marlene Cini u s-Segretarju Eżekuttiv u Minuti nru. 01/2024-9 ġew iffirmati mill-Kunsillier Nicky Saliba u s-Segretarju Eżekuttiv.

**02.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

02.3.1 Is-Sindku fetaħ id-diskors tiegħu billi wera gratitudni lejn il-poplu taż-Żebbuġ u Marsalforn għall-appoġġ u l-fiduċja li ngħata. Wera wkoll gratitudni lil sħabu l-Viċi Sindku u l-Kunsilliera. Appella sabiex minn dik il-laqgħa stess jitniżlu l-bnadar politiċi u jitellew il-kuluri tal-lokalita' għażiża tant maħbuba.
Wera l-apprezzament lejn is-Sindki preċedenti u sellem lil dawk il-kandidati li ma ġewx eletti. Sellem lil Viċi Sindku preċedenti Sandra Grech u rringrazzjha tax-xogħol li għamlet għal lokalita'. Feraħ ukoll lil Kunsillier ġdid is-Sur Mario Portelli.
Irringrazzja lil istaff kollu tal-Kunsill fejn qal li f'dawn il-ħmistax li ilu Sindku sar jifhem aktar ix-xogħol li ħafna minnu ma jidhirx isir mill-qalb u b'dedikazzjoni.
Qal li għaddew 28 sena minn meta bdew il-Kunsilli lokali fejn il-Kunsill kiber u firex kemm bħala popolazzjoni kif ukoll bħala

kummerċ. Sostna li l-lokalita' tesiġi aktar attenzjoni u servizzi. Kompla jgħid li irid ikollna Kunsill innovattiv, jissaħħaħ dak li nipprovdu u nesploraw mezzi ġodda waqt li nistinkaw sabiex jitwettqu fil-ħin. Qal li dan irid isir b'konsultazzjoni ma kull settur sabiex b'hekk jinżamm djalogu ħaj ma' kull settur.
Fakkar lil membri li x-xogħol fil-lokalita' ma jiddependix biss minn dak li jagħmel il-kunsill bir-riżorsi u finanzjament ristrett. Qal li l-Kunsill jinsab b'*deficit* ta' ftit aktar minn mitt elf ewro u għalhekk il-Kunsill għandu jagħmel pressjoni mal-awtoritajiet ċentrali.
Sostna wkoll illi l-lokalita' tagħna ma hi xejn mingħajr l-għaqdiet volontarji fejn dawn jispiraw u jgħallmu lil komunita' kollha fir-rispett lejn xulxin. Qal li l-Kunsill għandu jibqa' jżomm djalogu ħaj ma l-għaqdiet filwaqt li jgawdu mis-sostenn tal-Kunsill fejn hemm bżonn.
Għalaq billi qal li l-impenn tiegħu bħala Sindku hu li jara li jkollhom ħidma kollettiva minkejja d-differenzi ta' bejniethom. Irringrazzja mill-ġdid lir-residenti ta' l-opportunita' li ngħata sabiex iservi bħala Sindku.

02.3.2 Fuq proposta tas-Sindku l-membri qablu li tibda tittella' attivita' bl-isem ta' 'Marsalforn Funland' f'Marsalforn kull nhar ta' Ħamis tul is-sajf kollu. Il-Kunsilliera Dott. Marlene Cini staqsiet kemm se tiġi tiswa. Is-Sindku wieġeb li ser tiswa bejn €5,000 u €7,000.

02.3.3 Ippropona sabiex tittella' attivita' Shooting Event Competition fix-Shooting Range taż-Żebbuġ. Il-membri qablu li jinxtraw it-trophies.

02.3.4 Propona u l-membri qablu sabiex il-Ħarġa għar-residenti f'Malta li kienet tħassret minħabba l-maltemp minflok issir nhar it-Tlieta, 23 ta' Lulju 2024.

02.3.5 Propona u l-membri qablu wkoll sabiex issir ħarġa għal Luna Park f'Ta' Qali għar-residenti b'kollaborazzjoni mal-Parroċċa nhar it-12 ta' Lulju 2024.

02.3.6 Rigward il-Berġa, is-Sindku nforma lil membri li ntalab is-servizz ta' tabib ieħor peress li t-tabib li kien qed joffri s-servizz waqaf għal xahrejn minħabba ċirkustanzi li ma għandux kontrol fuqhom. Kompla jgħid li qed jipprova jsib kamra f'Marsalforn fejn hemm

ukoll ikun jista' jingħata s-servizz ta' tabib. Qal li pprova l-għassa ta' Marsalforn pero' l-Kunsill ma ngħatax permess. Kompla jgħid li issa qed jistenna risposta mill-FSWS.

02.3.7 Propona u l-membri qablu li tingħata tifkira lis-Sna Sandra Grech li serviet bħala Viċi Sindku.

02.3.8 Propona u l-membri qablu li tinxtara lapel badge ġdida għal Kunsillier Mario Portelli.

02.3.9 Informa lil membri li nhar it-Tlieta attenda għal l-ewwel laqgħa tiegħu tar-Reġjun Għawdex. Qal li bħas-sena l-oħra ser jerġgħu jiġu tfal mill-Ukrajna. Il-membri qablu li l-Kunsill għandu jħejji attivita' fl-20 t'Awwissu 2024 sabiex jospithom għal nofs ta' nhar.

02.3.10 Rigward il-ġebla tal-Munġitar li qed iċċedi fi Triq Għajn Mhelhel. Il-membri qablu li għandha terġa tinġibed l-attenzjoni tal-Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanar sabiex isiru t-tiswijiet meħtieġa qabel ma ċċedi t-triq.

02.3.11 Propona u l-membri qablu li jinxtraw 4 barriers tal-ħadid.

02.3.12 Informa lil membri li l-Kunsill irċieva invit għal memorja ta' Mro. Ġużepp Mallia fis-6 t'Awwissu.

02.3.13 Informa lil membri li ġie avviċinat mill-uffiċċju ta' Marsalforn fejn ġie propost li s-Sibtijiet jibdew jinħarġu permessi ta' makkinarji bejn is-7.30am u l-11am imbasta ma jingħalqux toroq. Il-Viċi Sindku u Dott. Marlene Cini ma qablux u għalhekk ġie deċiż li din terġa tiġi diskussa f'laqgħa oħra.

02.3.14 Rigward il-fondi li l-Kunsill ser jingħata mill-LESA sabiex jiġi upgraded il-playing field tal-Qbajjar Promenade, propona u l-membri qablu li għandhom jibdew joħorġu l-offerti.

02.3.15 Informa lil membri li ġie avviċinat mill-Arċipriet sabiex fil-ġimgħa ta' wara l-festa issir ġita għar-residenti f'Kemmuna. Il-membri qablu li l-Kunsill għandu jipprovdi t-trasport bid-dgħajsa b'kollaborazzjoni mal-Parroċċa.

02.3.16 Rigward il-vetturi tal-Kunsill, il-membri qablu li għandu jinkera garaxx sabiex dawn jinġabru. Il-Kunsill irċieva kwotazzjoni għaż-żamma taż-żewġ vetturi f'garaxx għal prezz ta' €350. Il-membri qablu u għalhekk għandu jsir kuntratt ta' kiri b'nutar pubbliku.

02.3.17 Propona sabiex il-Kunsill jibda' jlaqqa' darba fil-ġimgħa lil Anzjani tal-lokalita' bħala Day Centre fejn jiġu organizzati ftit attivitajiet għalihom. Wara diskussjoni l-membri qablu li dawn isiru darbtejn fix-xahar u mhux kull ġimgħa u jinġabu kwotazzjonijiet.

02.3.18 Rigward I love Marsalforn, propona u l-membri qablu li minflok issir fil-Qbajjar Promenade kif kien ġie propost minflok issir ftit il-fuq mill-Otters.

## 02.4 Għoti ta' Dekasteri lil Membri tal-Kunsill

Is-Sindku nforma lil membri li fl-ewwel laqgħa tal-Kunsill elett għandhom jitqassmu d-dekasteri lil kull membru.

Bħala Sindku hu ser ikollu dawn ir-responsabilitajiet :

- Proġetti u Infrastruttura
- Komunitajiet – Marsalforn
- Integrazzjoni – Ġemellaġġi
- Attivitajiet
- Innovazzjoni
- Trasport Pubbliku
- Edukazzjoni

Il-Viċi Sindku, Daniel Cordina ser ikollu dawn ir-responsabilitajiet :

- Kultura
- Wirt Kulturali u Postijiet Storiċi
- Komunitajiet – Marsalforn (flimkien mas-Sindku)
- Sigurta'
- Agrikoltura, sajd u żoni rurali
- Zvilupp tal-lokalita' tagħna bħala destinazzjoni turistika
- Riabilitazzjoni u restawr

Il-Kunsilliera, Dott Marlene Cini ser ikollha dawn ir-responsabilitajiet :

- Indafa

- Ħarsien ta' l-Annimali
- Bajjiet Pubbliċi
- Il-Familja u n-Nisa fis-Soċjeta'
- Byelaws
- Librerija

Il-Kunsillier, Mario Portelli ser ikollu dawn ir-responsabilitajiet :
- Żgħażagħ u tfal
- Għaqdiet volontarji
- Festa
- Ġestjoni tat-traffiku u trasport
- Sports u Attivitajiet Fiżiċi
- Qasam Soċjali

Il-Kunsillier, Nicky Saliba ser ikollu dawn ir-responsabilitajiet :
- Ambjent
- Anzjani
- Is-saħħa
- Persuni Vulnerabbli
- Ġonna u Playgrounds

Il-membri aċċettaw dawn ir-responsabilitajiet u rringrazzjaw lis-Sindku.

**02.5 Komunikazzjoni mill-Kunsilliera**

02.5.1 *Komunikazzjoni mill-Viċi Sindku Daniel Cordina*

02.5.1.1 Irringrazzja lis-Sindku u lill-poplu Żebbuġi tal-fiduċja li wrew fih. Qal li mingħajr ma jħares lejn wiċċ ħadd lest li jaqdi dmiru. Irringrazzja lil Viċi Sindku preċedenti tal-ħidma tagħna u lis-Sindku preċedenti Dott. Marlene Cini. Feraħ ukoll lil kandidat ġdid Mario Portelli. Irringrazzja lill-istaff tal-Kunsill għax-xogħol siewi li jwettqu u żied jgħid li għalkemm ġieli kien hemm xi diżgwid qatt ma żamm xejn kontra ħadd. Qal li jekk xi darba weġġa lil xi ħadd jiskuża ruħu.

02.5.1.2 Informa lil membri li ġie avviċinat minn *probation officer* sabiex persuna twettaq 200 siegħa xogħol fil-kommunita'. Il-membri qablu.

02.5.1.3 Rigward il-bozza tat-triq li weħlet fi Triq Mons Ġużeippi De Piro talab sabiex din tinqala' u minflok jeħel fanal dekorattiv fuq il-bankina. Il-Kunsillier Nicky Saliba sostna li mportanti li jkun hemm dawl biżżejjed. Il-membri qablu li għandhom jinġabru kwotazzjonijiet.

02.5.1.4 Talab sabiex fil-laqgħa li jmiss tiġi preżentata lista ta' xogħlijiet pendenti mill-Kunsill preċedenti.

02.5.1.5 Propona sabiex it-telephone boxes li ġew restawrati sabiex jibda' jsir użu minnhom u jitpoġġew bins għal batteriji użati. Il-Kunsilliera Marlene Cini proponiet minflok sabiex tal-Pjazza jitpoġġew kotba użati 'Read a Book, Take a Book' waqt li f'Tal-Ponta jitpoġġew qsari fiha. Il-membri qablu.

02.5.1.6 Talab sabiex titranġa bankina fi Triq ta' Barda speċjalment it-tarġa t'isfel. Il-membri qablu.

02.5.1.7 Informa lill-membri li hemm bankina bil-madum perikoluż fi Triq Għar Qawqla u propona sabiex jinqala' l-madum u minflok isir bil-bricks. Il-membri qablu li l-ewwel l-Kunsill jiprova jġib il-madum mill-Kejselli u jekk l-Kunsill ma jinqedhiex il-Kunsill juża l-kuntratt li diġa għandu.

02.5.1.8 Talab sabiex tintbgħat tfakkira lil Gozo LC Works sabiex issir il-bankina ta' A Cini fi Triq il-Madonna taċ-Ċiċċri.

02.5.1.9 Talab sabiex jitranġa d-dawl li hemm fil-Playing field tal-Qbajjar Promenade. Għandha tintbgħat tfakkira lill-Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanar.

02.5.1.10 Talab sabiex isiru 1m yellow lines ma' garaxx fi Triq Barda maġenb 'Eugenio Flats'. Il-membri qablu.

02.5.1.11 Propona sabiex Triq l-Isqof Pace issir residential parking area peress li hemm problema kbira ta' parkeġġ f'din it-triq. Il-Kunsilliera Dott Marlene Cini opponiet għal dan u uriet il-fehma li qabel issir xi ħaġa bħal din għandha ssir konsultazzjoni mar-residenti kollha ta' Marsalforn. Kien hemm qbil f'dan ir-rigward.

02.5.1.12 Propona lis-Sur J. Bajada sabiex jibda jieħu ħsieb il-ġemellaġġi. Qal li hu persuna affidabbli u kapaċi jkabbar il-ġemellaġġi. Il-membri qablu.

02.5.1.13 Informa lil membri li hemm *main* ta' l-ilma fil-wiċċ quddiem 'Denċi', Tiq il-Qolla s-Safra. Il-membri qablu li għandhom jiġu nfurmati l-Water Services Corp.

02.5.2 *Komunikazzjoni mill-Kunsilliera Dott. Marlene Cini*

02.5.2.1 Il-Kunsilliera Dott Marlene Cini rringrazzjat lil sħaba l-Kunsilliera għax-xogħol siewi li wettqu flimkien. Irringrazzjat lis-Sna. Sandra Grech u awgurat lil kunsillier elett ġdid is-Sur Mario Portelli. Awgurat ukoll ħidma siewja lis-Sindku elett ġdid is-Sur Baskal Saliba. Irringrazzjat lis-Segretarju Eżekuttiv u lil istaff għal appoġġ li dejjem ingħatat tul il-ħidma tagħha bħala Sindku. Irringrazzjat ukoll lil Kunsillier Nicky Saliba tal-ħidma tiegħu. Qalet li bħala membri pubbliċi tal-lokalita' iċ-ċittadin jaħseb li jistgħu jagħmlu li jitolbuhom u għalhekk appellat sabiex jimxu b'rispett u dinjita' lejn kull kariga anke lejn l-istaff.

*Il-laqgħa ġiet sospiza fis-6.26 ta' filgħaxija peress li ġiet residenta li riedet tkellem lil membri. Il-laqgħa reġet bdiet fis-6.30 ta' filgħaxija.*

02.5.2.2 Proponiet u l-membri qablu sabiex il-Kunsill jagħmel it-toqob ta' l-arbli sabiex ikun jista' jintramaw l-arbli. Dan ma għandhux jaqbeż is-somma ta' €500.

02.5.2.3 Infurmat lil membri li ġiet avviċinata minn resident li jgħix f'Ħal Sagħtrija Block C fejn talab li jitneħħa l-parkeġġ minn quddiem il-bieb prinċipali u jinżebagħ yellow line sabiex ikunu jistgħu jidħlu mingħajr diffikultajiet. Il-membri qablu li qabel ma tittieħed deċiżjoni għandha ssir *on site visit*.

02.5.2.4 Sabiex jitranġa l-ħajt ta' fuq l-Otters li miksi bil-ġebel tas-sejjiegħ. Il-membri qablu.

02.5.2.5 Proponiet sabiex il-ġardinar jibda' jieħu ħsieb il-qsari tal-Pjazza u l-playing field tal-Virtut billi jsaqqi u jħawwel xtieli ġodda. Il-membri ma qablux peress li jistgħu jieħdu ħsiebhom il-ħaddiema tal-Kunsill.

02.5.2.6 Proponiet u l-membri qablu sabiex qabel il-festa jitnaddfu l-fanali tal-Pjazza u terġa tinżebagħ il-kurduna tal-Pjazza.

02.5.2.7 Proponiet u l-membri qablu sabiex jitnaddfu l-mirja kollha tat-traffiku.

02.5.2.8 Talbet sabiex issir talba minn naħħa tal-Kunsill lil Water Services Corp għall-main ġdid tal-ilma fi triq ġdida fil-limiti tal-Ponta. Il-membri qablu.

02.5.2.9 Staqsiet meta ser jibdew jiġu nstallati s-CCTV ta' l-iskema tad-DLG. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmatha illi mistenniha jibdew jiġu nstallati għal aħħar tas-Sajf.

02.5.2.10 Talbet sabiex issir tfakkira lil Perit tal-Kunsill sabiex jiċċertifika x-xogħol li sar mill-fondi tad-DPF sabiex il-proġetti jiġu magħluqa.

02.5.2.11 Proponiet u l-membri qablu sabiex isir *trraffic management* u jitqabbdu l-uffiċċjali tal-LESA matul il-ġimgħa tal-festa.

02.5.2.12 Staqsiet rigward il-Bye Law tal-Bajja tax-Xwejni u Marsalforn. Is-Segretarja Eżekuttiv għaddiet kopja ta' dan l-abbozz tal-bye law mħejji mill-Avukat J Grech lil membri. Dan l-abbozz ġie approvat.

02.5.2.13 Infurmat lil membri li l-attivita' li saret fil-Librerija kienet suċċess u attendew numru sabiħ ta' tfal.

02.5.3 *Komunikazzjoni mill-Kunsillier Mario Portelli*

02.5.3.1 Il-Kunsillier Mario Portelli rringrazzja lir-residenti li għażluh sabiex iservi f'din il-lokalita'. Kompla jgħid li lest li jaħdem mal-membri kollha għal ġid tal-lokalita'.

02.5.3.2 Propona sabiex il-Kunsill jixtri *gear* ġdid għaż-Żebbuġ Rovers FC f'għeluq il-50 sena mit-twaqqif tagħhom. Il-membri qablu li l-ewwel jinġabru l-kwotazzjonijiet meħtieġa sabiex ikunu jafu kemm hi n-nefqa.

02.5.3.3 Propona sabiex jinxtraw 20 mejda ta' l-injam biex jintużaw għal attivitajiet varji li jittellew fil-lokalita'. Il-membri qabu li jinġabru stejjem f'dan ir-rigward.

02.5.3.4 Talab sabiex jitella' arblu ġdid fi Triq il-Knisja. Il-Kunsilliera Dott. Cini sostniet li qabel il-Kunsill għandu jivverifika jkunx ta' perikolu. Il-Kunsillier Nicky Saliba kompla jgħid li l-Kunsill irid joqgħod attent fejn jeħel minħabba l-fatt li xi residenti jistgħu jibżew minħabba xi sajjetta. Il-membri qablu li ssir konsultazzjoni ma' l-Ingineer f'dan ir-rigward.

02.5.3.5 Informa lil membri li hemm arblu ta' l-armar li jinsab f'nofs il-bankina u talab sabiex jitressaq il-ġewwa. Il-membri qablu li jiġu avżati l-Għaqda ta' l-Armar.

02.5.3.6 Talab sabiex issir swimming zone fil-Bajja ta' taħt ix-Xifer. Ġie nfurmat li l-Kunsill diġa għamel talba ma' Transport Malta f'dan ir-rigward.

02.5.3.7 Talab sabiex il-biċċa triq mħarbta fi Triq il-Lampuka ssir bit-tarmac. Ġie nfurmat li diġa hemm talba mal-Gozo LC Works u ser tintbgħat tfakkira.

02.5.3.8 Talab sabiex isir 5m *double yellow lines* mal-kantuniera tal-ħajt li nbena fi Triq il-Batterija. Il-membri qablu li din għandha tiġi diskussa f'laqgħa oħra.

02.5.3.9 Talab sabiex isiru żewġ *bus shelters* fi Triq il-Qbajjar. Il-Kunsilliera Dott Marlene Cini infurmat lil membri li qabel isir xi ħaġa għandu l-ewwel il-Kunsill jitkellem mal-Local Council Association li hija l-entita' responsabbli f'dan ir-rigward u jinġabru l-kwotazzjonijiet.

02.5.3.10 Staqsa rigward it-tabelli tal-Menqa sabiex jinbidlu. Ġie nfurmat illi l-Kunsill għadu jistenna risposta minn Transport Malta.

02.5.4 *Komunikazzjoni mill-Kunsillier Nicky Saliba*

02.5.4.1 Il-Kunsillier Nicky Saliba rringrazzja lil poplu Żebbuġi u ta Marsalforn għal fiduċja li wrew fih u reġew għal darb'oħra eleġġewh. Irringrazzja lis-Sindku Baskal Saliba u l-membri tal-Kunsill. Awgura lil Kunsillier Mario Portelli u rringrazzja lis-Sna Sandra Grech għal kontribut f'dan il-Kunsill.

02.5.4.2 Informa lil membri li qed jisma li ser isiru ħafna proġetti sbieħ u ambizzjużi u li ħafna minnhom jaqbel magħhom pero fakkar fil-qada finanzjarja tal-Kunsill u li għandna kuntrattur għadu jistenna li jitħallas. Sostna li ma għandhomx isiru affarijiet ġodda qabel ma jitħallas il-Kuntrattur. Fakkar li l-Kuntrattur mhux ser jibqa' kwiet. Fakkar li għad baqalu jitħallas taż-Żebbuġ Playing Field u tal-Belvedere ta' Triq Santa Marija. Fakkar li meta ġie elett Sindku l-ewwel ħaġa li għamel hu li qata' d-dejn li kien ħalla s-Sindku preċedenti. Il-Viċi Sindku Daniel Cordina qal li jaqbel ma li qed jgħid pero x-xogħlijiet importanti xorta jridu jsiru. Il-Kunsillier Nicky Saliba qal li hu qed jiġbed l-attenzjoni biex il-Kunsill joqgħod kawt. Is-Sindku Baskal Saliba staqsa jekk kinx hemm xi ħaġa li ġiet proposta f'din il-laqgħa u li ma qabilx magħha. Il-Kunsillier Nicky Saliba wieġbu li qed iressaq il-punt tiegħu biss. Il-Viċi Sindku Daniel Cordina qal li kuntratturi oħra ilhom jissaportu u qatt ma qalu xejn ħlief għal Kuntrattur wieħed. Il-Kunsilliera Dott Marlene Cini qalet dan il-kuntrattur ħa li ħa għax il-Kunsill dejjem mexa miegħu sew. Il-membri qablu li għandu jiġi mitkellem il-Perit minħabba ċ-ċertifikazzjoni tal-belvedere. Il-Kunsilliera Dott Marlene Cini qalet li għadom iridu jitwaħħlu sitt arbli tad-dawl oħra fuq il-belvedere mill-kuntrattur tad-dawl li kienu inklużi fl-offerta.

02.5.4.3 Propona u l-membri qablu sabiex jinqata' l-ħaxix minn fuq Ta' Abram.

02.5.4.4 Talab sabiex issir repainting tad-Dragon Teeth fi Triq il-Knisja. Il-membri qablu.

02.5.4.5 Fakkar sabiex id-dustbin li hemm fid-daħla tal-Playing field tal-Virtut jinqala u jitwaħħal iktar il-ġewwa sabiex ma jiġix mimli biż-żibel domestiku. Il-membri qablu.

02.5.4.6 Staqsa rigward ir-restawr tal-Kanuni. Ġie nfurmat li l-Kunsill għadu jistenna mingħand l-Eco Gozo l-andament għal applikazzjoni li saret magħhom.

**02.6 Risposta tal-Management Letter**

Ġiet mgħoddija kopja tar-risposta tal-*Management Letter*. Il-membri qablu li għandha tiġi approvata.

**02.7 Approvazzjoni ta' l-offerta ZGLC/06/2024**

Is-Segretarju Eżekuttiv issottomettiet ir-rapport ta' evalwazzjoni – Supply, Delivery and Insallation of Decorative Street RGB Controlled uplighter, Triq il-Knisja, Zebbug Ghawdex. Il-membri qablu mar-rakkamandazzjoni tal-bord ta' l-għażla u għalhekk għandha tingħata lil Nicholas Cassar Electrical Services għal prezz ta' €7,775 excl. VAT.

**02.8 Materji oħra**

02.8.1 Talba mingħand Heritage Malta sabiex jarmaw kiosk rigward underwater cultural heritage fil-front ta' Marsalforn. *Dive Into History 360 (virtual Experience).* Il-membri qablu li tintrama jekk jista' jkun fil-Menqa qrib il-latrina.

*Il-laqgħa ġiet sospiża fit-7.47 ta' filgħaxija peress li daħħlet residenta tkellem lil membri. Il-laqgħa tkompliet fit-7.50 ta' filgħaxija.*

02.8.2 Talba sabiex tiżdied bus stop oħra 'il fuq minn Triq in-Naħla. Il-membri qablu li għandha ssir talba.

02.8.3 Talba mingħand S Cini sabiex isir railing żgħir mal-ħajt tad-dar sabiex ikun jista' jitla'. Il-membri qablu li ssir waħda ta' l-istainless steel.

02.8.4 Talba mingħand G J Cefai sabiex id-double yellow line li sar faċċata tiegħu fi Triq il-Madonna taċ-Ċiċċri ta' tul ta' 1 m jiżdied għal 2 m oħra tul sabiex ikun jista' jidħol fil-garaxx tiegħu. Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lil membri li ġiet mħedda minn dan ir-resident wara li ċempel fl-uffiċċju tal-Kunsill u dan minħabba dawn is-sinjali. Kompliet tgħid li wara li ġiet mhedda kellha tinżel l-għassa tagħmel rapport lil Pulizija. Qalet ukoll li waqt li kienet qed tiġi mħedda kien hemm fl-uffiċċju l-istaff li semgħa l-konversazzjoni kollha. Ġiet infurmata mill-għassa li dan il-każ ser jinstema fil-qorti peress li hi uffiċċjal pubbliku. Rigward it-talba l-membri qablu li f'każijiet bħal dawn hija l-prassi tal-Kunsill li jinġab il-permess ta' sid id-dar fejn ikunu ser isiru s-sinjali. Il-Viċi Sindku qal li l-Kunsill jista' jitkellem ma' sid id-dar u naraw x'nistgħu nagħmlu. Il-Kunsilliera Dott. Marlene Cini sostniet li l-Kunsill għandu jżomm l-istess policy u jekk hemm xi diżgwid bejn il-ġirien il-Kunsill m'għandux jidħol fin-nofs. Il-Kunsillier Nicky Saliba staqsa jekk il-1m ġiex approvat mill-Kunsill. Ġie nfurmat li dan jaqa' fil-parametri tal-liġi u ma hemmx bżonn approvazzjoni. Il-membri qablu li għandu jiġi avviċinat G J Cefai sabiex iġib il-permess bil-miktub mingħand sid id-dar.

02.8.5 Talba mingħand A. Cassar sabiex id-dawl ġdid li ġie nstallat tul il-Qbajjar Promenade jinbidel għal isfar flok abjad u sabiex il-Pizza Stop jitfi l-ispotlights li għandu mal-kiosk. Il-membri ma qablux li l-kulur tad-dawl għandu jinbidel peress li dawn huma approvati mid-DPF.

02.8.6 Ilment mingħand S. Mercieca Zammit sabiex jitneħħa d-disabled parking minn faċċata tal-garaxx tagħha fi Triq Kappillan Franġisk Vella ħalli tkun tista' toħroġ. Il-membri qablu li l-Kunsill jieħu l-parir tal-Perit tal-Kunsill u jitkellem ma' min juża din id-disabled parking bay.

02.8.7 Ilment mingħand G. Axiaq sabiex teħel ħadida mal-bankina fi Triq il-Munġbell kantuniera ma Triq id-Duluri. Il-membri qablu li ssir talba ma Transport Malta.

02.8.8 Suġġeriment mingħand A. Majid sabiex sabiex jitwaħħlu litter bins fi Triq Manwel Magro. Il-membri ma qablux.

02.8.9 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil membri li l-Kunsill ingħata €3,000 bħala fondi t'Aġġustament għas-sena 2024 sabiex jintużaw għal Żoni Turistiċi.

02.8.10 Talba mingħand G. Vella sabiex jitwaħħlu ismijiet tat-toroq f'kull tarf ta' triq speċjalment fit-toroq ta' Marsalforn. Il-membri qablu.

02.8.11 Talba mingħand produttur tal-films sabiex tintuża art pubblika biex jitpoġġew technical trucks. Il-membri qablu izda qabel għandha ssir verifikazzjoni ma' l-Awtorita' ta' l-Artijiet li din l-art hija pubblika.

02.8.12 Talba minn National Lottery PLC sabiex quddiem l-IżiBet fi Triq il-Qbajjar tiġi rriservata kaxxa. Il-membri ma' qablux ma din it-talba.

02.8.13 Korrispondenza mir-Rettur tal-Knisja ta' Marsalforn sabiex il-Kunsill joffri l-għajnuna għal purċisjoni tal-kwaranturi. Il-membri qablu li l-Kunsill għandu jieħu ħsieb li jpoġġi tabelli sabiex ma jsirx parkeġġ mill-karozzi fit-toroq minn fejn ser tgħaddi l-purċisjoni.

02.8.14 Talba mingħand is-Sessjoni ta' l-Armar għal attivita' li ser issir nhar is-Sibt, 17 t'Awwissu fil-Pjazza. Il-membri qablu li l-Kunsill jidħol b'kollaborazzjoni bil-kundizzjoni li ssir I Love Marsalforn maħduma minnhom għal prezz ta' €1,000.

02.8.15 Intalbu 3 kwotazzjonijiet mill-BE Clean, Sultech u Maria Magro għat-tindif tal-festa mit-23 sas-26 t'Awwissu. Kuntrattur wieħed wera interess li tammonta għal €6,000 mingħajr VAT. Il-membri qablu li għandhom isiru diskussjonijiet biex jitnaqqas dan il-prezz u jitqabbad kuntrattur kemm-il darba l-Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanar jgħin biex ikopri dawn l-ispejjeż.

02.8.16 Talba mill-Ex Segretarju ta' Zebbug Rovers sabiex jinħareġ ċertifikat mill-Kunsil bħala tifkira tra-rebħ tal-kampjonat Għawdxi 2003-2004 peress li din is-sena taħbat l-20 anniversarju. Il-membri qablu.

02.8.17 Talba mingħand W. Montanaro Gauci fejn il-Kunsill għandu jopponi flimkien miegħu għal bini ta' appartamenti fil-Pjazza ta' quddiem il-Knisja ta' Marsalforn. Dan qed jissuġerixxi sabiex

minflok l-appartamenti dan is-sit jinxtara mill-Gvern sabiex titkabbar il-Pjazza. Il-membri ma qablux.

02.8.18 Talba mingħand M R Saliba għal permess fuq is-salini sabiex tagħmel installazzjoni ta' l-arti. Il-membri qablu sakemm jinġab il-permess ta' sid is-salini.

02.8.19 Talba mingħand Creative Europe platform sabiex jużaw il-basement tal-Kunsill għal platform ta' l-arti. Il-membri qablu.

02.8.20 Talba għal personalized parking bay fi Triq il-Forn mingħand F. Fenech. Il-membri qablu li din l-applikazzjoni tintbgħat lil Transport Malta.

02.8.21 Talba għal personalized parking bay fi Sqaq ta' Triq Għajn Mhelhel mingħand A Grima. Il-membri qablu li din l-applikazzjoni tintbgħat lil Transport Malta.

02.8.22

Talba sabiex isiru double yellow lines fi Triq il-Knisja faċċata tal-Kunsill quddiem l-arbli u quddiem il-Kunsill. Il-membri qablu.

02.8.23 Suġġeriment sabiex jinxtara bank bandla għal Ġnien iż-Żebbuġ. Il-membri qablu u għandhom jinġabru l-kwotazzjonijiet meħtieġa.

02.8.24 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil membri li għandu bżonn jerġa jiġġedded il-kuntratt tal-maintenance agreement tal-photocopier. Il-membri qablu.

02.8.25 Talba għal kollaborazzjoni sabiex issir l-arm wrestling event fil-front ta' Marsalforn. Il-membri qablu li l-kollaborazzjoni tal-Kunsill ma taċċedix il-€200.

02.8.26 Talba għal kollaborazzjoni ma Otters għal Otters Fest li ser issir f'Marsalforn mifruxa fuq jumejn. Il-membri qablu li l-kollaborazzjoni tal-Kunsill ma' taċċedix il-€500.

02.8.27 Talba sabiex issir reserved parking bay fejn il-latrina tal-parkeġġ ta' Marsalforn sabiex ikollhom fejn iħottu. Il-membri ma qablux.

02.8.28 Is-Segretarju Eżekuttiv tat spjegazzjoni tal-korsijiet tas-Sajf li ser isiru u li ser jibdew fl-ewwel ġimgħa t'Awwissu. Dawn huma l-Messy Play Couse, Korsijiet ta' l-Arti għat-tfal u l-Adulti, Basic ECDL Course, Sugar Craft, Crib Building u Simulator Shots Course. Il-membri qablu.

02.8.29 Ilment Nru M 01/2024 – talba sabiex isir railing fuq il-bankina quddiem 'Tat-Taraġ Court', Triq Ta' Barda peress li l-bankina għolja. Il-membri qablu li jitwaħħal railing mal-ħajt tagħhom iżda qabel jinġabru l-kwotazzjonijiet.

02.8.30 Ilment Nru Z – S 01 – sabiex jitranġa sqaq fi Triq Għajn Mhelhel minħabba li qed iżomm l-ilma. Il-membri qablu li għandha ssir il-verifikazzjoni meħtieġa.

02.8.31 Ilment Z – S 02 – sabiex jiġi mmarkat pedestrian marking tul Triq Santa Marija. Il-membri qablu li din għandha tidħol mat-traffic management li qed iħejji l-Perit.

02.8.32 Ilment Z – S 03 – sabiex jitneħħew il-karrijiet fil-Menqa u jitħallew biss dawk ta' l-MFA u l-MFB biss fid-dry standing area. Il-membri qablu li għandu jiġi nfurmat il-Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanar f'dan ir-rigward.

02.8.33 Ilment Z – S 04 – sabiex jinbena ħajt fejn kien hemm l-iskips fi Triq l-Imgħallem. Il-membri qabu li peress li hi triq arterja issir talba mal-Gozo LC Works.

02.8.34 Ilment Z – S 05 – sabiex jinbena ħajt ta' filata kemm ma jaqawx il-karozzi ġo xi għalqa fid-Dabrani. Il-membri qablu li ssir talba mal-Gozo LC Works.

02.8.35 Ilment Z – S 06 – sabiex jiżdied id-dawl fil-parkeġġ ta' Marsalforn u jinżabru s-siġar. Il-membri qablu li ssir talba mal-Gozo LC Works.

02.8.36 Ilment Z – S 07 – sabiex isiru *hangers* fix-xowers tax-Xwejni. Il-membri qablu.

02.8.37 Ilment Z – S 08 – sabiex tiġi nstallata *sleeping police* fejn il-Klabb tal-football fi Triq Mons Ġużeppi De Piro. Il-membri qablu li ssir talba ma' Transport Malta.

02.8.38 Ilment Z S 09 – suġġeriment sabiex tiġi mfakkra l-memorja ta' tlett personaġġi li taw kontribut kemm fuq livell lokali kif ukoll Nazzjonali, il-President Censu Tabone, Ex-Sindku Harry Debono, u Maestro Gużeppi Mallia. Il-membri qablu li x'ħin tiġi biex tissemma triq ġdida fil-lokalita' tingħata isem minn dawn.

02.8.39 Talba mingħand S D'Amato biex isiru double yellow lines qrib 'Rima Court' u jinżebgħu l-kaxxi tal-parkeġġ. Il-membri qablu li din tiġi diskussa aktar il-quddiem.

02.8.40 Suġġeriment sabiex isiru tabelli ta' Speed Limit fi Triq Santa Marija quddiem il-Qbajjar Promenade. Il-membri qablu.

## 02.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti

Skeda ta' ħlasijiet bin-numru 01/2024 għall-perjodu ta' Lulju 2024 li tammonta għal €100,417.82 ġiet approvata mill-membri preżenti. Is-Sindku, Baskal Saliba fakkar lil membri li l-pagamenti li qed jiġu approvati huma ta' xogħolijiet tal-Kunsill preċedenti. Il-Kunsillier Nicky Saliba mhux qed jieħu deċiżjoni fuq l-approvazzjoni tal-kont mibgħut mir-Reġjun t'Għawdex bin-numru 71 fuq l-iskeda ta' pagamenti peress li dan il-kont mibgħut minnu bħala Maniġer tar-Reġjun.

## 02.10 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fit-8.30 ta' filgħaxija. Id-data tas-seduta li jmiss ser tiġi diskussa aktar il-quddiem.

Baskal Saliba
Sindku

Odette Camilleri
Seg. Eżekuttiv